# MONUMENT NAZZJONALI LIL DUN KARM: ĦSIBIJIET

Aktarx li għadhom friski fil-memorja t-tifkiriet sbieħ li saru f'ġieh il-Poeta Nazzjonali Malti f'egħluq il-25 sena minn mewtu (1961 - 1986).

Wara bosta attivitajiet li saru (fost oħrajn) mill-Akkademja tal-Malti fejn fihom tfakkar dan l-anniversarju, *Il-Malti* ħabbar li "jiġik li taħseb li l-Maltin qegħdin jifhmu aktar xi jfisser għalihom Dun Karm". Aħna nemmnu dan — anzi aktar minn hekk — nixtiequ nittraduċu bil-fatti dan il-kliem f'monument nazzjonali f'ġieh il-Poeta.

Dan il-ħsieb tagħna nżamm bħala prijorità sa mill-ewwel laqgħat tal-kumitat il-ġdid ta' l-Għaqda tal-Malti (Università): Dun Karm, Poeta Nazzjonali jixraqlu monument nazzjonali.

Ħafna huma dawk li inkoraġġewna biex inwettqu dan il-proġett li jaf jieħu s-snin sa ma jseħħ verament. Filwaqt li nieħdu pjaċir b'kull tip ta' għajnuna li intom tistgħu toffru, minn din il-paġna aħna nixtiequ nfissru x-xewqa tagħna li l-monument jiġi mwaqqaf miż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

Fil-fatt il-messaġġ stampat fuq l-istiker li sar bl-inizjattiva ta' l-Għaqda jġib il-kliem:"Żgħażagħ Għal Dun Karm" flimkien ma' wiċċ il-Poeta kif iddisinjat mill-pittur Luciano Micallef. Sa fejn kien possibbli ġew użati l-kuluri nazzjonali. Il-flus li jinġabru mill-bejgħ ta' dawn l-istikers se jkunu l-ewwel fondi li minnhom din il-ħolma għad trid isseħħ.

Il-buzzett tal-monument huwa xogħol l-iskultur Toni Ellul minn Ħal Luqa. Imma qabel ma sar dan il-buzzett l-iskultur diġà kien ħadem erba' xogħlijiet oħra kommemorattivi ta' Dun Karm li huma l-*basso riljev* li jinsab fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina; bust kbir li qiegħed fil-każin tal-banda De Rohan; bust ieħor żgħir ordnat mill-MUT li tqassam lill-membri ta' l-istampa u lil kull kap ta' skola privata u statali biex jitqiegħed fl-uffiċċju ewlieni ta' kull

skola u l-medalja f'egħluq il-25 sena mill-mewt tal-Qassis-Poeta li saret ukoll mill-MUT, fejn tinsab għall-bejgħ bi prezz irħis.

Imma x'hemm wara l-ħsieb ta' l-Għaqda tal-Malti li dan il-proġett iseħħ verament bl-għajnuna taż-żgħażagħ – il-ġenerazzjoni futura Maltija? Xejn ħlief it-tama li Dun Karm m'huwiex sempliċiment ktieb ieħor li rrid nistudja bilfors għall-eżamijiet iżda figura qawwija nazzjonali li fiha nsib tifsira ċara ta' x'inhu dak li jagħmilni ċittadin Malti tassew.

Din mhix sfida faċli. Iżda, għax nemmnu ġenwinament f'dik il-kotra żagħżugħa li diġà għandha afdat f'idejha l-aktar ħaġa prezzjuża Maltija – ilsienna – aħna nappellaw lilhom sabiex ikunu nazzjonali tassew u japprezzaw il-kliem tal-Poeta:

*"Iżda fi lsienek ngħannihielek l-għanja*
*li ġewwa qalbi jien sawwart għalik,*
*u niktibha bid-demm li tatni ommi*
*nixtieq, ja Malta, biex ħaqqek nagħtik."*

**Il-Għanja tar-Rebħa**

Kliem tabilħaqq qawwi tant li, minkejja li ilu minsuġ nofs seklu, għadu jgħodd sallum u għandu jiġbor warajh l-entużjażmu meħtieġ sabiex dak kollu li hu Malti nibżgħu għalih.

*Joseph Borg*
*14 ta' Jannar, 1989*

- It-tagħlim tal-Malti f'Malta hu importanti daqs it-tagħlim ta' kull ilsien nazzjonali f'kull pajjiż ieħor.
Għalhekk l-aqwa lsien fis-sistema edukattiva għandu jkun il-Malti, kemm fl-iskejjel statali u kemm fl-iskejjel privati.

- Il-Malti hu strument tajjeb ħafna biex fl-iskejjel l-istudenti jitgħallmu kull suġġett bih, u mhux biss il-Malti.

- Il-Konċilju Vatikan II stess jeżiġi li t-tagħlim tar-Reliġjon u dak kollu li jolqot lir-Reliġjon isiru bil-lingwa tal-pajjiż.

- L-Għaqda tal-Malti (Università) hi impenjata li tara li dan iseħħ.